StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

**IR-RABA' SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom:________________________** **Il-klassi: __________**

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Agħżel it-tajba.**

Eżempju: Matul il-quddiesa nirċievu lil Ġesù waqt (il-qrar, it-tqarbin, il-paċi).

1. Ġesù għamel l-ewwel miraklu f'(Kana, Betlem, Ġerusalemm).
2. Ġesù qajjem mill-mewt lit-tifla ta' (Pietru, Pawlu, Ġajru).
3. L-appostli kienu l-(ħbieb, għedewwa, aħwa) ta' Ġesù.
4. Illum ix-xogħol tal-appostli hu fdat f'idejn (l-isqfijiet, il-patrijiet, is-sorijiet).
5. Aħna sirna membri tal-Knisja meta rċevejna s-sagrament (tal-Ewwel Tqarbina, tal-Qrar, tal-Magħmudija) .
6. Ġesù bagħat lill-appostli jxandru l-kelma tiegħu (fid-dinja kollha, fl-Italja, f'Malta).
7. L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi (tar-Rabat, ta' Birżebbuġa, t'Għawdex).
8. L-akbar festa tal-Knisja hija (l-festa tal-patrun, l-Għid il-Kbir, l-Milied).
9. L-aktar ħaġa importanti li nagħmlu l-Ħadd hija li (nilagħbu, noħorġu mal-familja, nieħdu sehem fil-quddiesa).
10. F'wieħed mill-katakombi nstabet tpinġija ta' (kuruna ta' fjuri, anġlu, qattus).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B** **(15-il ma**

**Kompli dan ir-rakkont dwar Pentekoste billi ddaħħal fil-vojt il-kliem li ġej.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| qawwa | jitolbu | l-Ispirtu s-Santu | il-Knisja |
| ~~weħidhom~~ | kulħadd | l-appostli | għallimhom |
| Ġesù | jgħammdu | ħamsin | Marija |
| riħ | jibżgħu | nar | mill-mewt |

1. Wara li Ġesù tela' s-sema, l-Appostli ħassewhom **weħidhom**, imma __________________ ma kienx se jħallihom weħidhom.
2. Hu wegħedhom li kien ser jibgħatilhom __________________.
3. F'Pentekoste, __________________ ġurnata wara li Ġesù qam __________________, twieldet __________________.
4. L-Appostli kienu miġburin flimkien __________________.
5. Magħhom kien hemm ukoll __________________.
6. F'daqqa waħda semgħu ħoss bħal ta' __________________ qawwi u raw dawl qisu __________________ li qagħad fuq kull wieħed minnhom.
7. Kien niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu. __________________ ħassewhom mibdulin. L-Ispirtu s-Santu tahom __________________ ġdida.
8. Bdew jiftakru x'kien __________________ Ġesù.
9. Ħarġu u bdew jgħallmu u __________________ lil __________________ .
10. Ma baqgħux __________________.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C** **(5 ma**

**Imla l-vojt bil-kliem li ġej.**

| | | |
|---|---|---|
| ~~Qaddis~~ | tal-eżerċti | tas-smewwiet |
| Mulej | bil-glorja | l-art |

Qaddis, **Qaddis**, Qaddis,

____________________ Alla ____________________.

Is-smewwiet u ____________________ mimlija

____________________ tiegħek.

Osanna fil-għoli ____________________.

**Taqsima D** **(10 marki)**

**Qabbel li hemm f'Kolonna A ma' Kolonna B.**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Is-siġġu li fuqu joqgħod il-qassis. | | l-artal |
| 2. Id-dar ta' Alla. | | il-qniepen |
| 3. Il-mejda li fuqha ssir l-Ikla tal-Mulej. | | is-sagristija |
| 4. Il-post fejn jinżamm l-ilma li jgħammed lit-trabi. | | l-ambone |
| 5. Isejħulna biex nifirħu f'xi festa. | **1** | is-sedja |
| 6. Il-post fejn il-qassis jipprepara ruħu għall-quddiesa. | | it-tabernaklu |
| 7. Il-post fejn jinżammu l-qniepen. | | il-konfessinarju |
| 8. Minn hawn tinqara l-Kelma t'Alla. | | il-Via Sagra |
| 9. Hawnhekk inqerru d-dnubiet tagħna. | | il-kampnar |
| 10. L-erbatax-il kwadru dwar il-passjoni ta' Ġesù. | | il-fonti tal-Magħmudija |
| 11. Il-post fejn tinżamm l-Ewkaristija. | | il-knisja |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E** **(15-il ma**

**Aqra din l-istorja dwar il-miġja ta' San Pawl u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Kienet riesqa x-xitwa, meta Pawlu telaq bil-ġifen mill-Palestina għal Ruma. Hu kien sejjer Ruma biex jidher fil-qorti t'hemm. Qabel wasal Ruma, qamet tempesta kbira. Fuq il-ġifen kien hemm ħafna nies li bdew jibżgħu li se jegħrqu. Imma Pawlu għamlilhom il-qalb u qalilhom li ħadd minnhom ma kien ser jintilef. Għaddew erbatax-il ġurnata resqin lejn l-art. Kien billejl u ma ridux jaħbtu ma' xi blata. Għalhekk tefgħu l-ankri u qagħdu jistennew li jisbaħ. Meta sebaħ raw bajja u telqu biex jidħlu fiha. Għalkemm il-baħar kien imqalleb, ilkoll waslu l-art u ħadd ma għereq. Kif niżlu l-art saru jafu li l-gżira kien jisimha Malta. Il-Maltin qabbdulhom ħuġġieġa biex jisħnu. Minn qalb il-ħatab telgħet lifgħa u gidmet lil Pawlu. In-nies stennew li se jaqa' u jmut. Imma Pawlu ma ġralu xejn u n-nies ħasbu li hu xi alla.

(Adattata mill-*Atti tal-Appostli*)

1. Minn fejn telaq San Pawl biex imur Ruma?

   ______________________________ (marka)

2. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

   ______________________________ (marka)

3. Għalfejn kien sejjer Ruma San Pawl?

   ______________________________ (2 marki)

4. Għaliex beżgħu li kienu se jegħrqu?

   ______________________________ (2 marki)

5. X'kien jisimha l-gżira li ħabtu magħha?

   ______________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Xi ġralu San Pawl meta qabad il-ħatab f'idejh?

_______________________________________________ (2 marki)

7. Min kien il-mexxej ta' Malta fi żmien San Pawl?

_______________________________________________ (marka)

8. Kemm dam Malta San Pawl?

_______________________________________________ (marka)

9. Kif ġabu ruħhom il-Maltin ma' San Pawl u sħabu?

_______________________________________________ (2 marki)

10. X'sar Publiju wara li telaq San Pawl minn Malta?

_______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima F** **(10 marki)**

**Għid min jien.**

| | |
|---|---|
| 1. Kont ma' San Pawl fuq il-ġifen | **San Luqa** |
| 2. L-Arċisqof ta' Malta | |
| 3. Il-Papa li jieħu ħsieb il-Knisja | |
| 4. L-Isqof ta' Għawdex | |
| 5. Kont l-ewwel Papa | |
| 6. Jien omm Ġesù | |
| 7. L-ewwel martri li mitt għal Ġesù | |
| 8. Dort ħafna pajjiżi ngħallem fuq Ġesù | |
| 9. Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb | |
| 10. Kont gvernatur Ruman fi żmien Ġesù | |
| 11. Ir-raġel ta' Marija u ħadt ħsieb ta' Ġesù | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima G** **(5 ma**

**Aqra sew dawn is-sentenzi u ikteb l-isem ta' dawk it-tfal li b'dak li għamlu wrew li jħobbu lil Ġesù.**

Eżempju: Rita marret iżżur lil Toni l-isptar. | **Rita**

| | |
|---|---|
| 1. Paul seraq ktieb lill-għalliema. Miriam qaltlu biex iroddu lura. | |
| 2. Catherine ħajret lil Mariella tmur magħha d-duttrina. | |
| 3. Clare toqgħod tpaċpaċ waqt il-quddiesa. Josette ma toqgħodx ħdejha biex tisma' l-quddies sew. | |
| 4. John u Nathan iġġieldu. Nathan ħafer lil John mill-ewwel. | |
| 5. Luca jgħin lil Andrea fil-*homework*. | |

**Taqsima H** **(10 marki)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għalfejn l-Insara f'Malta kienu jużaw il-katakombi?

_______________________________________ (2 marki)

2. Kif għandna nġibu ruħna fil-knisja?

_______________________________________ (2 marki)

3. Kif għandna nġibu ruħna lejn l-Isqof tagħna?

_______________________________________ (2 marki)

4. Liema hija t-talba li għallimna Ġesù?

_______________________________________ (2 marki)

5. Bħala Nsara, x'għandna nagħmlu lil min jagħmlilna d-deni?

_______________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima I** **(5 ma**

**Kompli dawn is-sentenzi dwar Żakkew.**



1. Xogħol Żakkew kien li

   ____________________________________

2. Biex jara lil Ġesù, Żakkew tela' fuq

   ____________________________________

3. Ġesù xtaq jitkellem ma' Żakkew u allura mar

   ____________________________________

4. Żakkew iddispjaċih milli għamel u talab lil Ġesù biex ___________________________

5. Żakkew wiegħed li se jinbidel u lil min seraq _________________________

**Taqsima J** **(6 marki)**

**Kompli dan it-talb.**

a. "Ġesù, nitolbok tbierek lil _________________________________________

___________________________________________________________" (2 marki)

b. "Ġesù, nirringrazzjak talli _________________________________________

___________________________________________________________" (2 marki)

c. "Aħfirli, Ġesù, ta' kemm-il darba ___________________________________

___________________________________________________________" (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima K** **(4 ma**

**Kif għandek iġġib ruħek:**

1. meta l-għalliema tkun qed tispjega l-lezzjoni?



_______________________________________________

2. meta ssib xi ħaġa li ma tkunx tiegħek?



_______________________________________________

3. meta n-nannu jkun marid?



_______________________________________________

4. meta l-ħabiba tinsa l-kaxxa tal-kuluri d-dar?



_______________________________________________

**Taqsima L** **(5 marki)**

**Fil-familja ta' Alla, aħna nilqgħu lil kulħadd. Kif għandna nġibu ruħna ma' dawn in-nies?**

1. mar-refuġjati: naċċettawhom u ngħinuhom.
2. mal-morda: ____________________________
3. ma' sħabna: ____________________________
4. mal-foqra: ____________________________
5. mal-anzjani: ____________________________
6. mal-ġenituri: ____________________________

**- Tmiem il-karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers